FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 15 TA' JANNAR, 2002

**Numru:**

**Avviz Nru: 1275/01 JB**

**Casapinta Design Group Limited**

**vs**

**Dario Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf u mitejn u tnax-il lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm1,212.10c) dovuti ghall-import ta' servizzi resi da parti tas-socjeta' attrici in konnessjoni mal-partecipazzjoni tal-konvenut fil- USA Pavillion tal-Fiera Internazzjonali ta' Malta.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali (Lm6.50c) datata 1 ta' Awissu 2001 u tal-Mandat ta' Sekwestru u l-Mandat ta' Qbid pprezentanti kontestwalment u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data ta' kull fattura relattiva, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifkat;

Sema lill Dr. Carlo Bisazza jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici kwantu ghall- (Lm1,212.10c) elf u mitejn u tnax-il lira Maltin u ghaxar centezmi dovuta mill-konvenut ghall- servizzi resi mill-kumpanija attrici fil- USA Pavillion tal- Fiera Internazzjonali ta' Malta, bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**